**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. Simone Grech B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU law)**

**Illum 20 ta' Settembru 2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**DARRYL LUKE BORG**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Darryl Luke Borg , bil-karta ta' l-identita' numru 261086M gie akkuzat:

*"Talli f' 01.02.2018 ghall-habta ta' 13.30hrs minn gewwa Sun Lab li jinsab f' Landmark Triq l-Iljun f' Hal-Qormi*

1) *Bil-hsieb li taghmel delitt urejt dan bil-hsieb b' atti esterni u tajt bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema*

*delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghek;*

*Talli f' 01.02.2018 ghall-habta ta' 17.35 hrs minn gewwa l-Hanut Vision Optician fi Triq San Bastjan Hal-Qormi*

2) *Ikkommettejt serq semplici ghad-dannu tal-imsemmija kumpannija."*

Qieset l-ammissjoni ta` l-imputat li kkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata zmien biex jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet trattazzjoni dwar piena jew sanzjoni minn naha tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjara lill-istess imputat hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena jew sanzjoni, din il-Qorti qed tikkonsidra, fost ohrajn, in-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz partikolarment il-fatt li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna psikjatrika, l-ammissjoni ta' l-imputat, il-konferma tar-rapprezentanta ta' Vision Optician li ma ghadx fadal pretensjonijiet fil-konfront ta' l-imputat u fuq kollox il-fatt li fil-fehma tal-Qorti l-imputat ghandu bzonn l-ghajnuna.

**Decide**

**Ghal motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 284, 14 (1) (a), 17, 28A (1), 28B u 31, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib lil Darryl Luke Borg hati ta` l-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundanna lil Darryl Luke Borg ghal hames (5) xhur prigunerija izda tordna li din is-sentenza in kwantu ghal piena ta' prigunerja m' ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, l-imputat jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali ordnat li din is-sentenza ghandha tigi fis-sehh.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A (4) tal-Kodici Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem car u li jinftiehem lill-hati r-responsabbilita' tieghu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali fil-kaz li huwa jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fil-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Inoltre u addizzjonalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, <u>tqieghed lil Darryl Luke Borg taht Ordni ta` Trattament (taht il-kura ta` Dottor Anthony Dimech) ghall-perjodu ta` sentejn mill-llum</u> u dana skont id-digriet li qed jigi anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.**

**Il-Qorti fissret lil Darryl Luke Borg, fi kliem car u li jinftiehem, l-iskop tas-sanzjoni fuqu mposta b'din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hu ma joqghodx ghall-tali sanzjoni kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu inkwantu ghall-Ordni ta' Trattament.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur *Probation and Parole* u lil Dottor Anthony Dimech.**

**Dr Simone Grech LLD**
**Magistrat**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**